32006D0478

12.7.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 189/7

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Ġunju 2006

li tinnomina nofs il-membri tal-Bord ta' Tmexxija ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel

(2006/478/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 25(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-lista ta' kandidati preżentata lill-Kunsill mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidra l-veduti espressi mill-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Huwa essenzjali li jiġu żgurati l-indipendenza, il-kwalità xjentifika għolja, it-trasparenza u l-effiċjenza ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità"). Il-koperazzjoni ma' l-Istati Membri hija indispensabbli wkoll.

(2) Il-mandat ta' nofs il-membri tal-Bord ta' Tmexxija ta' l-Awtorità sejjer jintemm fit-30 ta' Ġunju 2006.

(3) Il-kandidaturi ġew eżaminati bil-ħsieb tan-nomina ta' seba' membri ġodda tal-Bord ta' Tmexxija abbażi tad-dokumentazzjoni provduta mill-Kummissjoni u fid-dawl tal-veduti espressi mill-Parlament Ewropew bil-għan li jiġu żgurati l-għola standard ta' kompetenza, firxa wiesgħa ta' kompetenza relevanti, per eżempju fit-tmexxija u fl-amministrazzjoni pubblika, u d-distribuzzjoni ġeografika l-aktar wiesgħa possibbli fi ħdan l-Unjoni.

(4) Wieħed minn dawk il-membri għandu jkollu esperjenza f'organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-konsumaturi u interessi oħra fil-katina ta' l-ikel,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma b'dan nominati membri tal-Bord ta' Tmexxija ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2006 sat-30 ta' Ġunju 2010:

— BÁNÁTI Diána

— ELVANDER Marianne

— GÆMELKE Peter [2]

— GUILLOU Marion

— SANGSTER Bart

— VAXELAIRE Roland

— YAZITZOGLOU Konstantinos.

[1] ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 575/2006 (ĠU L 100, 8.4.2006, p. 3).

[2] Membru li għandu esperjenza f'organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-konsumaturi u interessi oħra fil-katina ta' l-ikel.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, 19 ta' Ġunju 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. PRÖLL